Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,049, 5 ta' Mejju, 2023

Taqsima B

A.L. 104 tal-2023

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà fil-Portijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà fil-Portijiet u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Sigurtà fil-Portijiet, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 499.35.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira "port" għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "port" tfisser, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-portijiet elenkati fis-Sitt Skeda;".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

3. Il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) tliet (3) uffiċjali anzjani tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, li jkunu d-Direttur għas-Sigurtà tal-Portijiet, l-Uffiċjal Ewlieni għall-Portijiet u l-Yachting u r-Reġistratur-Ġenerali ta' Bastimenti u Baħrin;".

Jemenda r-regolament 32 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (1) tar-regolament 32 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "L-operatur tal-faċilità portwali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità nominata".

Iżid Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih wara l-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi miżjuda din l-Iskeda ġdida li ġejja:

Verżjoni Elettronika

"Sitt Skeda
Portijiet u l-Konfini tagħhom
(Regolament 2)

Il-Port il-Kbir, Il-Belt Valletta, Malta

Il-Port ta' Marsaxlokk, Malta

Il-Port taċ-Ċirkewwa, Malta

Il-Port tal-Imġarr, Għawdex

Il-Port il-Kbir, Il-Belt Valletta, Malta

#

B 902

Il-Port ta’ Marsaxlokk, Malta



Il-Port taċ-Ċirkewwa, Malta



B 904

Il-Port tal-Imġarr, Għawdex